## S4.1 PERSONAĠĠI MALTIN



**S4.1.1**

Nagħmlu riċerka dwar it-tliet personaġġi Dun Karm Psaila; Dun Mikiel Xerri u San Ġorġ Preca.

### A. Ikteb XERRI, PSAILA jew PRECA

Ara l-eżempju.





| | | |
|---|---|---|
| 1. | Eż. Il-monument tiegħu qiegħed fi Triq Sant' Anna l-Furjana. | **Psaila** |
| 2. | Għall-bidu kien jikteb il-poeżiji tiegħu bit-Taljan. | |
| 3. | Il-monument tiegħu qiegħed ġol-Belt Valletta. | |
| 4. | Beda l-purċissjoni bil-Bambin tal-Milied | |
| 5. | Ħa sehem fi pjan biex jitkeċċew il-Franċiżi minn Malta. | |
| 6. | Waqqaf is-Soċjetà tal-MUSEUM | |
| 7. | Ġie maqtul bl-azzarini tas-suldati Franċiżi fil-Belt. | |
| 8. | Kien eroj għax ta ħajtu għall-poplu Malti. | |
| 9. | Kiteb il-versi tal-Innu Malti. | |
| 10. | Qabel ġie maqtul għajjat "Viva Malta!" | |
| 11. | Kiteb bosta innijiet sbieħ reliġjużi bil-Malti bħall-Innu 'Nadurawk Ja Ħobż tas-Sema'. | |
| 12. | Wera kuraġġ meta beda jikteb poeżiji bil-lingwa Maltija. | |

| | |
|---|---|
| 13. Għallem lill-membri tal-għaqda tiegħu biex iħobbu l-Bibbja | |
| 14. Ġie ddikjarat qaddis fis-sena 2007 | |
| 15. Għex fi żmien meta Malta kienet immexxija mill-Kavallieri ta' San Ġwann. | |
| 16. Is-Soċjetà li waqqaf xterdet f'bosta pajjiżi | |

## B. Wieġeb dawn li ġejjien.

Minn Jonathan Borg & Ms Falzon – Primarja Naxxar – Kulleġġ Maria Regina

1. Kunjom Dun Karm kien ◯ _ _ _ _ _

2. L-għaqda tal-ilsien Malti. ◯ _ _ _ _ _ _ _ _

3. Qabel kien jikteb b'din il-lingwa. ◯ _ _ _ _ _

4. Kiteb il-mużika tal-Innu Malti ◯ _ _ _ _ _

5. Għamel l-ewwel _____ Malti-Ingliż. ◯ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _

6. Kien jgħallem ġewwa s- ◯ _ _ _ _ _ _ _ _

7. Dun Karm twieled u miet f'dan ix-xahar. ◯ _ _ _ _ _ _

8. Dun Karm hu l-____ Nazzjonali. ◯ _ _ _ _

9. L-Innu għandu forma ta'____. ◯ _ _ _ _



Daħħal il-kelma li tgħaqqad f'dawn iċ-ċrieki fis-sentenza t'hawn taħt:

Lil Dun Karm insejħulu ________________ għax ħadem u stinka biex il-lingwa Maltija timxi 'l quddiem.

## Ċ. Kompli s-sentenzi b'dawn il-kliem:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| kliem | Maltija | inħobbu | Palazz | Franċiżi |
| ħajtu | Taljana | jeħilsu | Poeta | mużika |



1. Dun Karm Psaila huwa l-________________ Nazzjonali Malti.
2. Dun Karm kiteb il- ________________ tal-Innu Malti.
3. Il- ________________ tal-Innu Malti nkitbet minn Mro Robert Samut.
4. Dun Karm, bl-eżempju tiegħu, iħeġġiġna biex ________________ l-lingwa tagħna.
5. Għall-bidu, Dun Karm kien jikteb il-poeżiji tiegħu bil-lingwa ____________ imma mbagħad kiteb poeżiji mill-isbaħ bil-lingwa ________________ .
6. Dun Mikiel Xerri kien eroj li ta ________________ għal pajjiżu.
7. Dun Mikiel Xerri u sħabu riedu ________________ lil Malta minn taħt idejn il- ________________ .
8. Dun Mikiel Xerri u sħabu nqabdu u għalhekk ġew maqtula fil-Belt Valletta quddiem il- ________________ .




**D. Uża l-kliem mill-kaxxa biex tkompli s-sentenzi dwar Dun Ġorġ Preca.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ħamrun | Valletta | nisrani | is-soċi |
| ħaddiema | il-Bibbja | filgħaxija | lill-oħrajn |

1. Dun Ġorġ Preca baqa magħruf għax-xogħol li wettaq fil-qasam tat-tagħlim ________________.
2. Huwa twieled il-Belt ________________ imma għex għal żmien twil fil-parroċċa ta' San Gejtanu ________________.

3. Dun Ġorġ insista ħafna biex ________________ jew membri tal-MUSEUM jitħarrġu sew fil-għerf dwar ________________, biex imbagħad ikunu jistgħu jgħallmu ________________.
4. Is-soċi tal-MUSEUM, kemm dawk irġiel kif ukoll nisa, huma ________________ normali, imorru għax-xogħol filgħodu, imbagħad jiftħu d-djar tad-Duttrina ________________ , kif ukoll is-Sibt u l-Ħadd biex fihom imorru ż-żgħażagħ ħalli jiffurmaw il-karattru tagħhom.

**E. Poġġi dan il-kliem fil-kolonna t-tajba.**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Franċiżi | Innu Malti | it-Taljan | kittieb | konfoffa | Malti |
| patrijott | poeta | qassis | serq | xkubettjat | Żebbuġi |

| **Dun Karm Psaila** | **Dun Mikiel Xerri** | **Komuni għat-TNEJN** |
|---|---|---|
|  |  |   |
| ________________ | ________________ | ________________ |
| ________________ | ________________ | ________________ |
| ________________ | ________________ | ________________ |
| ________________ | ________________ | ________________ |

**F. Ħares lejn dawn iż-żewġ stampi u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**



**Stampa A** turi l-monument lil Dun Mikiel Xerri, li qiegħed fi Pjazza Indipendenza fil-Belt Valletta. Taħt il-monument hemm miktub **"Lil Dun Mikiel Xerri u Sħabu"**.




**Stampa B** turi lapida tal-irħam ma' ħajt ta' dar fil-Belt Valletta. F'din id-dar kien joqgħod Dun Mikiel Xerri. Il-lapida mhix qiegħda 'l bogħod mill-monument.

1. Dun Mikiel Xerri kien **patrijott**. Il-kelma **patrijott** tfisser

   a) qassis. ☐
   b) patri ☐
   ċ) iħobb ħafna lil pajjiżu ☐
   d) iħobb l-isports ☐

2. Għaliex ngħidu li Dun Mikiel Xerri kien **patrijott**?

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________

3. Fil-monument (Stampa A) jidhru l-figuri ta' ______________ u ______________.

4. Liema stampa turina li għal bosta snin Dun Mikiel Xerri għex fil-Belt Valletta?

| | |
|---|---|
| Stampa A | |
| Stampa B | |

5. Fejn twieled u fejn kien jgħix Dun Mikiel Xerri qabel mar joqgħod il-Belt Valletta?

_______________________________________________

_______________________________________________

6. Għaliex taħseb li għandna naqraw u nistudjaw dwar Dun Mikiel Xerri u sħabu?

_______________________________________________

_______________________________________________

**Ġ. Ħares lejn il-kliem li hemm fil-kaxxa, imbagħad immarka t-tajbin bis-sinjal X fil-kaxxi:**

Lil din l-art ħelwa, l-Omm li tatna isimha,
Ħares, Mulej, kif dejjem int ħarist;
Ftakar li lilha bl-oħla dawl libbist.

Agħti kbir Alla, id-dehen lil min jaħkimha,
Rodd il-ħniena lis-Sid, saħħa lill-ħaddiem;
Seddaq il-għaqda fil-Maltin u s-sliem.

1. Dan huwa l-kliem:

| | |
|---|---|
| a) tal-Innu Malti | |
| b) ta' innu ta' skola | |
| ċ) ta' każin tal-festa | |
| d) tal-Innu Taljan | |

2. Dan il-kliem kitbu:

| | |
|---|---|
| a) Dun Mikiel Xerri | |
| b) Dun Karm Psaila | |
| ċ) Monsinjur Anġlu Agius | |
| d) l-Arċisqof ta' Malta | |

3. Il-kliem huwa miktub f'forma ta'



| | |
|---|---|
| a) stilla | |
| b) komponiment | |
| ċ) poeżija | |
| d) quddiesa | |

4. '<u>Din l-art ħelwa</u>' qed tirreferi għal

| | |
|---|---|
| a) art fejn jikbru ħafna siġar | |
| b) Malta | |
| ċ) pajjiż fl-Amerika | |
| d) art fejn jinħadem ħafna ħelu għall-ikel | |

## Ġ. Ikteb VERU jew FALZ.

1. Dun Mikiel Xerri għex qabel Dun Karm. _________
2. Dun Mikiel Xerri u Dun Karm Psaila it-tnejn kienu minn Ħaż-Żebbuġ. _________
3. Dun Ġorġ Preca u Dun Mikiel Xerri mietu martri biex Malta tkun ħielsa mill-Franċiżi. _________
4. Dun Ġorġ Preca twieled fl-Awstralja _________
5. Dun Karm Psaila kiteb il-versi tal-Innu Malti. _________
6. Insibu monument lil Dun Mikiel Xerri fil-Belt Valletta u l-monument lil Dun Karm Psaila fil-Furjana. _________
7. Bis-saħħa ta' Dun Karm Psaila l-Ilsien Malti sar iktar apprezzat. _________
8. Dun Mikiel Xerri tana eżempju kemm wieħed jista' jħobb lil Art Twelidu. _________